

Brussell, 28 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9525/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0142 (NLE)

ECOFIN 617
UEM 172
FIN 580
ECB
EIB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Mejju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 276 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jemenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) (ST 11941/2021 INIT; ST 11941/2021 ADD 1) tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 276 final.

Mehmuż: COM(2025) 276 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.5.2025
COM(2025) 276 final

2025/0142 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li jemenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) (ST 11941/2021 INIT; ST 11941/2021 ADD 1) tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li jemenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) (ST 11941/2021 INIT; ST 11941/2021 ADD 1) tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (recovery and resilience plan, "RRP") minn Malta fit-13 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021². Din id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ġiet emendata fl-14 ta' Lulju 2023³.
- (2) Fis-16 ta' April 2025, Malta għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tressaq proposta li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 f'konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP ma għadux jista' jinkiseb kompletament minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Abbażi ta' dan, Malta ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi għall-RRP ippreżentati minn Malta minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 18 miżura.
- (4) Malta spjegat li l-mira 4.6 ta' C4-R1 (L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' qafas ta' politika tas-saħħa li għandu l-għan li jagħmel is-sistema tas-saħħa aktar sostenibbli u reżiljenti, b'enfasi partikolari fuq il-prevenzjoni tas-saħħa u forza tax-xogħol b'saħħitha) taħt il-komponent 4 (Saħħa) parzjalment ma għadhiex tista' tinkiseb minħabba n-natura xprunata mid-domanda tal-programm fejn il-ġenituri ġew mistiedna jipparteċipaw fl-iskrinjar u l-aċċettazzjoni tagħhom kienet lil hinn mill-

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

² ST 11941/2021 INIT; ST 11941/2021 ADD 1.

³ ST 11202/2023 INIT; ST 11202/2023 ADD 1.

kontroll tal-awtoritajiet, filwaqt li l-introduzzjoni ta' dan il-programm matul il-pandemija kellha impatt negattiv fuq il-parteċipazzjoni fil-programm. Abbażi ta' dan, Malta talbet li tnaqqas il-kopertura tal-programm u li testendi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-mira msemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata kif xieraq.

- (5) Malta spjegat li l-mira 6.19 dwar iż-żieda fl-għadd ta' persunal fl-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, parti mill-miżura C6-R5: *Riforma tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi* taħt il-komponent 6: *Tisħiħ tal-qafas istituzzjonali* se tinkiseb kompletament iżda b'dewmien minħabba diffikultajiet oġġettivi fil-proċess ta' reklutaġġ li huma lil hinn mill-kontroll tal-Gvern. B'mod speċifiku, id-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom kienu jinkludu għadd limitat ta' applikazzjonijiet xierqa riċevuti, minkejja sejħiet għal reklutaġġ miftuħa ripetuti fil-kuntest ta' suq tax-xogħol strett ħafna. Abbażi ta' dan, Malta talbet li taqsam il-mira 6.19 f'żewġ miri li jistgħu jintlaħqu matul l-2023 u l-2025. Barra minn hekk, Malta talbet li testendi l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miżura C6-R5: *Riforma tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi*. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Malta spjegat li tliet miżuri ġew emendati biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Dan jikkonċerna l-mira 2.3 u d-deskrizzjoni tar-riforma taħt il-miżura C2-R2: *Il-promozzjoni ta' aktar użu tat-trasport kollettiv pubbliku bit-triq* taħt il-komponent 2: *Niddekarbonizzaw it-Trasport*. Dan jikkonċerna l-mira 6.19 taħt il-miżura C6-R5: *Riforma tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi*, u l-mira 6.33 u l-mira 6.34 taħt il-miżura C6-R10: *Leġiżlazzjoni Speċifika dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti* taħt il-komponent 6: *Tisħiħ tal-qafas istituzzjonali*. Abbażi ta' dan, Malta talbet li temenda d-deskrizzjoni tal-miżuri (C2-R2: *Il-promozzjoni ta' aktar użu tat-trasport kollettiv pubbliku bit-triq*) u l-emendar tad-deskrizzjoni tal-miri (6.19; 6.33; 6.34). Barra minn hekk, Malta talbet li tneħħi l-mira 2.3 u żżid stadju importanti ġdid 2.3. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata kif xieraq.
- (7) Malta spjegat li ġew emendati 16-il miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu t-tnaqqis tal-piż amministrattiv filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi tal-miżura rispettiva. Dan jikkonċerna d-deskrizzjoni tar-riforma u l-istadju importanti 1.2 u l-mira 1.4 taħt il-miżura C1-R1: *Żvilupp ta' strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul*, l-istadju importanti 1.10 taħt il-miżura C1-R2: *It-trawwim ta' ġestjoni effettiva tal-iskart permezz ta' qafas ta' governanza tal-iskart robust inkluża r-riforma tas-sistema tal-ġbir tal-iskart*, id-deskrizzjoni tal-investment u l-mira 1.15 taħt il-miżura C1-I1: *Investiment fir-rinnovazzjoni u t-tħaddir tal-bini tas-settur pubbliku u privat, inkluż modifika retroattiva profonda permezz ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi*, id-deskrizzjoni tal-investment u l-mira 1.24 taħt il-miżura C1-I3: *Investiment fir-rinnovazzjoni, modifika retroattiva u enerġija rinnovabbli fl-iskejjel pubbliċi*, u d-deskrizzjoni tal-investment C1-I4: *Investiment fil-bini ta' skola pilota kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju biex iservi ta' mudell għall-futur u tipprovdi esperjenza ta' taġġim valida għall-futur lill-istudenti* taħt il-komponent 1 *L-indirizzar tan-newtralità klimatika permezz ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika, l-enerġija nadifa u l-ekonomija ċirkolari*. Dan jikkonċerna d-deskrizzjoni tar-riforma taħt il-miżura C2-R6: *Ġestjoni mtejbja tal-mobilità fis-servizz pubbliku permezz tar-razzjonalizzazzjoni tal-flotta u servizzi aħjar tal-mobbiltà tat-trasport*, il-mira 2.16a u l-mira 2.17 taħt il-miżura C2-I2: *It-tisħiħ tal-użu ta' vetturi elettriċi fis-settur privat*, u l-istadju importanti 2.18 taħt il-miżura C2-I3: *Id-dekarbonizzazzjoni tal-flotta tas-servizz*

pubbliku taħt il-komponent 2: *Niddekarbonizzaw it-Trasport*. Dan jikkonċerna d-deskrizzjoni tar-riforma u l-mira 3.2 taħt il-miżura C3-R1: *Approfondiment tat-trasformazzjoni diġitali permezz ta' riforma tal-politika, b'enfasi fuq it-tnaqqis tad-distakk diġitali u l-promozzjoni tal-ħiliet diġitali u d-deskrizzjoni tal-investment C3-I1: It-tisħiħ tar-reżiljenza, is-sigurtà u l-effiċjenza tal-qafas diġitali tal-gvern u l-investment f'soluzzjonijiet, apparati u għodod diġitali xierqa* taħt il-komponent 3: *Diġitalizzazzjoni*. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 4.2 taħt il-miżura C4-R1: *L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' qafas ta' politika tas-saħħa mmirat biex jagħmel is-sistema tas-saħħa aktar sostenibbli u reżiljenti, b'enfasi partikolari fuq il-prevenzjoni tas-saħħa u forza tax-xogħol b'saħħiha* taħt il-komponent 4 *Is-saħħa*. Dan jikkonċerna l-miri 5.1 u 5.2 u d-deskrizzjoni tar-riforma taħt il-miżura C5-R1: *Jissaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola, b'enfasi fuq l-akkwist tal-ħiliet*, u l-istadju importanti 5.5 u d-deskrizzjoni tar-riforma taħt il-miżura C5-R2: *It-tisħiħ tal-iżvilupp u r-rikonnoxximent tal-ħiliet, b'enfasi partikolari fuq l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet* taħt il-komponent 5: *It-titjib tal-Edukazzjoni ta' Kwalità u t-Trawwim tas-Sostenibbiltà Soċjoekonomika*. Dan jikkonċerna l-istadju importanti 6.27 u d-deskrizzjoni tar-riforma taħt il-miżura C6-R8 *It-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus/tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu/tas-sanzjonijiet finanzjarji mmirati (AML/CFT/TFS) ta' Malta*, il-mira 6.33 u l-mira 6.34 taħt il-miżura C6-R10: *Leġiżlazzjoni Speċifika dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti* u d-deskrizzjoni tal-investment C6-I1: *Diġitalizzazzjoni fis-sistema ġudizzjarja* taħt il-komponent 6 *Tisħiħ tal-qafas istituzzjonali*. Fuq din il-bażi, Malta talbet li temenda l-formulazzjoni tal-istadji importanti, il-miri u d-deskrizzjonijiet imsemmija hawn fuq tal-miżuri li jneħħu l-elementi li kienu jikkostitwixxu dettall mhux meħtieġ. Fir-rigward tal-miri 2.17 u 2.16a, ir-reviżjoni tikkonċerna t-tneħħija tal-mira 2.16a u t-tressiq' il quddiem tal-iskeda ta' żmien għat-tlestija għall-mira 2.17 għal Q4 2024. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata kif xieraq.

- (8) Malta ġibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni li t-taħriġ ta' 27 minn 85 għalliem previsti fil-mira 5.2 tal-miżura C5-R1 (*It-tisħiħ tal-miżuri ta' prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola, b'enfasi fuq l-akkwist tal-ħiliet*) taħt il-komponent 5 (*It-titjib tal-edukazzjoni ta' kwalità u t-trawwim tas-sostenibbiltà soċjoekonomika*) beda qabel il-perjodu ta' eliġibbiltà tal-Faċilità u talbet li l-mira titnaqqas minn 85 għal 58 għalliem imħarreġ. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 tiġi emendata kif xieraq.
- (9) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet ippreżentati minn Malta jiġġustifikaw l-emenda(i) skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri

- (10) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi modifikata biex tqis l-emendi għall-pjan u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata minn Malta.

Korrezzjonijiet ta' żbalji klerikali

- (11) Ġew identifikati tliet żbalji klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, li jaffettwaw tliet miżuri taħt tliet komponenti. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tiġi emendata biex tikkoreġi dawn l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fit-13 ta' Lulju 2021, kif miftiehem bejn il-Kummissjoni u Malta. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mad-

deskrizzjoni tal-miżura ta' C2-R2: *Il-promozzjoni ta' aktar użu tat-trasport kollettiv pubbliku bit-triq* taħt il-komponent 2: *Niddekarbonizzaw it-Trasport*; id-deskrizzjoni tal-miżura ta' C3-I1: *It-tisħiħ tar-reżiljenza, is-sigurtà u l-effiċjenza tal-qafas diġitali tal-gvern u l-investiment f'soluzzjonijiet, apparati u għodod diġitali xierqa* taħt il-komponent 3: *Diġitalizzazzjoni*; u d-deskrizzjoni tal-miżura ta' C6-R10: *Leġiżlazzjoni Speċifika dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti* taħt il-komponent 6: *Tisħiħ tal-qafas istituzzjonali*. Dawn il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (12) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (13) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi li ppreżentat Malta ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill ST 11941/2021 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal Malta rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (d), (da), (db), (e), (f), (g), (h), (i), (j) u (k).

Valutazzjoni pożittiva

- (14) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat meta nstab li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont li għandu jsir disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (15) Il-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat ta' Malta huma ta' EUR 336 319 658. Peress li l-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP emendat huwa oġġett mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Malta, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikoli 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Artikolu 20(4) u 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 alllokata għal Malta l-RRP emendat jenħtieġ li tkun uguali għal EUR 328 230 928. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal Malta tibqa' l-istess.
- (16) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) ST 11941/2021 INIT; ST 11941/2021 ADD 1 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP għal Malta tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament,

ADOPTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta. hija emendata kif ġej: (1) l-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat ta' Malta fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti relatati mat-twettiq tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni ttipprovdi aċċess sħiħ għad-data rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.”;

Artikolu 2

Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President